MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2008

Mandat Numru. 1046/2008/1

John Bray u Brian Green fil-kapacita` taghhom ta' President u Segretarju rispettivament ta' l-Assocjazzjoni tal-vetturi ghall-garr tal-mejtin b'I.D. Cards rispettivi 711055 (M) 248571 (M) u Federazzjoni ghat-Trasport Pubbliku
vs
Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li sabiex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom, jixtiequ jzommu lill-intimata milli tohrog permessi godda u/jew tkompli milli tipprocessa applikazzjonijiet godda ta' operatur skond ma hemm provvdut fir-Regolamenti ta' l-2006 dwar licenzja biex jigu operati vetturi ghall-gar ta' kadavri u dan ghas-segwenti ragunijiet;

Illi qieghed jigi premess li s-settur in kwistjoni ilu jopera f'Malta ghal dawn l-ahhar hamsin sena, liema settur kien qieghed ikun dejjem protett mill-Gvern stess;

Illi fis-sena 2006 l-istess Gvern gieghel l-istess membri ta' l-assocjazzjoni rikorrenti sabiex jaghmlu investiment sostanzjali ta' eluf kbar ta' liri Maltin sabiex jixtru vetturi godda ghall-gar tal-mejtin bil-kundizzjoni li ma jinhargux permessi godda f'dan is-settur;

Illi dan kollu gie deciz b'decizjoni tal-Kabinett fis-sena 2006;

Illi l-Gvern minghajr ebda tip ta' preavviz jew konsultazzjoni mal-assocazzjoni qabel u ha decizjoni sabiex jiftah is-suq ta' l-operatur tal-garr tal-katavri u bhala konsegwenza ta s-setgha lill-awtorita` intimata sabiex tohrog permessi godda taht ir-regolament fuq citati;

Illi b'dan l-agir l-assocjazzjoni rikorrenti se ssofri pregudizzju irrimedjabbli konsistenti f'telf ta' xoghol u introjtu u ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost, ir-rikorrenti nomine jitolbu lil din il-Qorti sabiex tohrog mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' l-intimata hekk jekk mitlub fil-mandat odjern.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta li biha eccepiet:

Illi l-awtorita` giet notifikata b'mandat ta' inibizzjoni sabiex l-awtorita` tinzamm milli *"tohrog permessi godda u/jew tkompli milli tipprocessa applikazzjonijiet godda ta' operaturi skond ma hemm provvdut fir-Regolamenti tal-2006 dwar licenzja biex jigu operati vetturi ghall-gar tal-kadavri…"*

Illi r-raguni tat-talba ta' dan il-mandat huwa li l-Gvern tramite l-Kabinett iddecieda li jiftah is-suq ta' l-operaturi tal-garr tal-mejtin u s-setgha lill-awtorita` intimata sabiex tipprocessa applikazzjonijiet godda.

Illi l-hrug ta' dan il-mandat hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:-

Punti fid-Dritt

1. Illi l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ghandu jsir biss meta r-**rikorrenti jkun irid li jitharsu jeddijiet** illi prima facie ikun jidher illi ghandu ai termini ta' l-Artikolu 873 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi ai termini ta' l-Artikolu 873 tal-Kap. 12, jidher bic-car illi **r-rikorrenti m'ghandhom l-ebda jedd** xi jharsu stante li dan il-jedd pretiz minnhom mhu xejn hlief monopolju li la huwa definit u lanqas protett fil-ligi.

3. Illi fi kliem ir-rikorrenti stess huma ilhom joperaw ghal dawn l-ahhar hamsin sena f'suq illi kien **protett mill-Gvern biss**. Ghaldaqstant minghajr pregudizzju, l-istess rikorrenti qed jaccettaw il-fatt illi l-uniku protezzjoni li huma kellhom kien mill-Gvern illi bl-ebda mod ma kien indefinit jew assigurat b'mod indefinit.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatt illi ghal dawn l-ahhar hamsin sena s-settur li fih joperaw ir-rikorrenti kien **"protett mill-Gvern biss"** ma jaghti l-ebda jedd lir-rikorrenti sabiex iwaqqfu lill-istess Gvern illi jbiddel il-policies tieghu.

Punti fil-fatt

5. Illi minghajr pregudizzju, mhux minnu u huwa kollox inveritier illi l-Gvern kien "gieghel" lill-istess membri sabiex jaghmlu investimenti kbar sabiex jixtru vetturi godda, bil-kundizzjoni li ma jinhargux permessi godda f'dan is-settur. Illi r-rikorrenti ghazlu li jinjoraw il-fatt illi meta r-rikorrenti riedu jinvestu f'vetturi godda, kien l-istess Gvern illi biddel ir-rata ta' registrazzjoni tat-taxxa ghal 0% fuq l-importazzjoni ta' vetturi godda tal-karrijiet tal-mejtin. Izda minghajr pregudizzju ghal dan kollu, il-fatt illi r-rikorrenti investew f'vetturi godda b'estenzjoni li jhallsu r-registrazzjoni ta' taxxa ma taghti l-ebda jedd lill-istess

rikorrenti li jippretendu li ghandhom xi dritt jew poter indefinit illi jibqghu joperaw f'monopolju.

Pregudizzju

6. Illi minghajr pregudizzju, ma jezisti l-ebda pregudizzju li r-rikorrenti jistghu jbatu stante li huma ser jibqghu joperaw bhal ma dejjem ghamlu u l-introjtu u d-dritt tax-xoghol taghhom mhux ser jintmiss.

7. Illi minghajr pregudizzju, kemm-il darba jezisti pregudizzju dan qed jigi soffert mill-konsumatur u l-pubbliku in generali li qed jigi kostrett illi joqghod ghar-regoli u prezzijiet li jithaddnu f'settur maghluq.

8. Illi fil-mandat ta' inibizzjoni prezentat mir-rikorrenti gie sottomess illi l-pregudizzju li sejrin isofru huwa f'telf ta' xoghol u introjtu. Illi dan l-argument huwa inkoncepibbli stante li Gvern ma jistax jipprotegi monopolji taht l-iskuza ta' telf ta' introjtu. Din il-Qorti zgur li tapprezza li l-Gvern ikun qed johloq pregudizzji kbar kemm-il darba jipprotegi monopolji u johnoq il-kompetizzjoni gusta f'suq liberalizzat.

9. Illi ghaldaqstant l-awtorita` intimata ma tistax tifhem kif fi kliem ir-rikorrenti stess, dak li kien japplika hamsin sena ilu ghandu jibqa' japplika ghal-lum.

10. Illi l-Gvern qieghed prezenzjalment jirriforma dan is-settur u fil-fatt qed jintroduci taxxa ta' registrazzjoni ta' 30% ghal dawk l-operaturi godda illi ser jimpurtaw vetturi ghall-garr tal-mejtin.

11. Illi mill-fatti suesposti u meta wiehed janalizza l-mandat ta' inibizzjoni prezentat mir-rikorrenti ma jezisti l-ebda jedd prima facie u wisq anqas pregudizzju li r-rikorrenti sejrin isofru.

12. Illi kemm-il darba din il-Qorti tilqa' dan il-mandat ta' inibizzjoni, dan ikun ifisser illi jkun qed jigi protett il-monopolju, partikolarment monopolju li mhux imsejjes fuq

xi ligi jew regolamenti izda minn prassi ta' dawn l-ahhar hamsin sena.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, l-awtorita` intimata talbet lil dina l-Qorti sabiex joghgobha tichad il-mandat ta' inibizzjoni pprezentat mir-rikorrenti.

Rat in-nota tal-15 ta' Lulju 2008 ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta li permezz taghha eccepiet illi l-Awtorita` intimata giet notifikata b'mandat ta' inibizzjoni sabiex l-awtorita tinzamm milli ***"tohrog permessi gooda u/jew tkompli milli tipprocessa applikazzjonijiet godda ta'*** operaturi ***skond ma hemm provdut fir-Regolamenti ta' l-2006 dwar licenzja biex jigu operati vetturi ghall-garr tal-kadavri…"*** [enfazi mizjuda] [regolamenti annessi bhala dokument A];

Illi l-Awtorita` intimata gja pprezentat risposta ghall-mandat fejn inter alia opponiet bil-qawwa kollha ghat-talba tal-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex l-Awtorita` tigi inibita milli taqdi dmirijitha skond il-ligi u skond decizjoni tal-Kummissjoni Ghal Kummerc Gust tal-5 ta' Lulju 2004.

Illi permezz ta' avviz li deher fil-gazzetta tal-Gvern tal-14 ta' Lulju 2008 wara decizjoni tal-Kabinett tal-Gvern ta' Malta, l-Avviz Legali Numru 176 tal-2006 kif emendat bl-Avviz Legali 424 tal-2007 gie abrogat/revokat.

Illi ladarba t-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni hija bbazata biss fuq l-pprocessar o menu ta' tali applikazzjonijiet skond ir-regolamenti tal-2006 li issa ma jiffurmawx parti mill-ligi ta' Malta l-interess guridiku u l-process gudizzjarju ta' dan il-proceduri jinsabu ezawriti u d-digriet tal-11 ta' Lulju 2008 fejn din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba ghall-hrug tal-mandat provissorjament ghandu jigi revokat.

Rat id-dokumenti esebiti.

**C. PROVI:**

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2008 gie esebit kopja ta' l-Avviz Legali ta' l-2008 li permezz tieghu bis-sahha tas-

setghat moghtija bl-artikolu 54 ta' l-Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 33 ta' l-Att Dwar l-Awtorita` Dwar it-trasport ta' Malta, il-Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni ghamel ir-Regolement li bih "Ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-licenzja biex jigu operati vetturi ghall-garr ta' kadavri, qeghdin b'dan jigu mhassra". Naturalment l-A.L. 169 ta' l-2008 jirrevoka l-A.L. 176 ta' l-2006.

Dr. Camilleri ghar-rikorrenti irrileva li l-abrogazzjoni saret wara li kien gie prezentat il-mandat.

Semghet lill-konsulenti legali jittrattaw ir-rikors u r-risposta.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Dwar l-aspetti legali ta' Mandat ta' Inibizzjoni, il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u senjatament l-art 829 et tal-Kap 12, l-artikoli 829 sa 838A dwar id-Disposizzjonijiet Generali, u 873 sa 877 dwar il-Mandat ta' Inibizzjoni;

L-iskop ta' mandat kawtelatorju huwa li kull persuna tista', minghajr ma hu mehtieg li jkun hemm decizjoni, tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha bil-mezz ta'wiehed jew izjed mill-atti kawtelatorji. Fir-rikors ghandhom jigu dikjarati bil-gurament l-origini u x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni li wiehed ikun irid iqieghed fiz-zgur. Meta jipprezenta dak ir-rikors, ir-rikorrent ghandu jsemmi l-lok li fih l-avviz ta' l-ezekuzzjoni tal-mandat ghandu jsir. L-artikolu 836 jelenka r-ragunijiet r-ragunijiet ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju. Permezz tal-artikolu 838 id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 280 dwar il-hin ta' l-ezekuzzjoni jghoddu ghall-mandati kawtelatorji. Il-garanzija ghall-hlas ta' penali hija provduta fl-artikolu 838A, waqt li l-artikolu 838B. Kull mandat kawtelatorju ghandu jibqa' fis-sehh sakemm il-kawza tigi maqtugha b'mod konkluziv, jew ma jigix imhassar mill-Qorti jew irtirat mill-parti li tohrog il-mandat.

L-artikolu 873 tal-Kap 12 jsemmi li l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' preudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat. Il-mandat irid:

a) ikun mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u
b) li dak ir-rikorrent ***prima facie*** jidher li ghandu dawkil-jeddijiet.

A tenur tal-artikolu 874 mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jizgura dejn, jew kull pretensjoni ohra li tkun tammonta ghal mhux inqas minn hamest elef lira, u dan bl-iskop li izomm lid-debitur milli jbigh, jittrasferixxi jew jiddisponi ***inter vivos*** mill-proprjetà li tigi indikata fir-rikors.

Ir-rikors ghandu jigi notifikat lill-parti opposta li ghandha tipprezenta risposta fi zmien ghaxart ijiem liema terminu jista' rigi ridott mill-Qorti f'kazijiet urgenti. Il-qorti tista' ghall-ewwel tohrog provizorjament mandat ghal zmien qasir taht dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jidhrilha li jkun jehtieg skond il-kaz u sussegwentement tipprovdi definittivament. Fin-nuqqas ta' oppozizzjoni, il-qorti tista' tilqa' t-talba.

Wara l-emenda bl-Att XIV 2006.102 il-Qorti ghandha, wara li tappunta ghas-smigh, tiddeciedi dan ir-rikors fl-iqsar zmien possibbli izda mhux aktar tard minn xahar [artikolu 875(3)] mill-gurnata li gie prezentat u mahluf il-mandat.

Fid-digriet ta' din il-Qorti PA – ta' din il-Qorti kif presjeduta tat-3 ta' Marzu, 2005 fl-ismijiet **Dragonara Casino Limited vs Dragonara Resort Limited** inghad:
"Minn dawn jirrizulta li **<u>l-iskop</u>** ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li:
a) jzomm persuna milli tibda jew tissokta tibni bini jew xoghol iehor ikun li jkun
b) jzomm persuna milli thott jew taghmel tibdil f'bini jew f'xoghol iehor
c) jzomm persuna milli tidhol f'fond jew lok
d) jzomm persuna taghmel xi haga tkun li tkun li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat.

Dwar dak li nsibu taht (d) dwar il-kliem **tkun ta' hsara** fil-kawza **Angelo Xuereb et noe vs Marin Hili et noe** inghad li **"**ghandha tinghata interpretazzjoni li dak li qed

jipprova jigi inibit, jekk ma jigix inibit, jista' jkun ta' pregudizzju fis-sens, li mhux biss jikkawza hsara pero` li jikkawza hsara li m'hemmx alternattiva ghalih almenu fil-mori tal-kawza jew li l-alternattiva hija sproporzjonata…" Ara wkoll **Victor Mizzi vs Joseph Gasan et** rikors 4216/92 Imh J D Camilleri, u **Avv Dr Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et** rikors 3984/92 Imh Albert Manche`.

**Ir-rekwisiti** essenzjali biex il-Qorti tordna l-Mandat ta' Inibizzjoni huma li:

I. Il-qorti m'ghandhiex tohrog mandat bhal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent [DANNI IRRIMEDJABBLI LI JINNECESSITA RIMEDJU ADEGWABBLI]

II. Il-Qorti trid tkun sodisfatta li dak IR-RIKORRENT ***PRIMA FACIE*** JIDHER LI GHANDU DAWK IL-JEDDIJIET.

Minn dan jidher li l-procedura bil-mandat ta' inibizzjoni hija wahda ta' natura eccezzjonali. Fil-kawza fl-ismijet **Giacomo Galea vs Pio Bezzina** deciza mill-Qorti tal-Appell Superjuri fil-5 ta' Awissu 1954 intqal:

"Illi, fil-kliem tal-ligi, "l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli tibda jew tissokta tibni bini jew xoghol iehor, inkella milli thott jew taghmel tibdil f' bini jew f' xoghol iehor, jew li jzomm persuna milli tidhol f' fond jew lok, jew li taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat"; u "l-Qorti ma ghandhiex tohrog dan il-mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dan il-mandat hu mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dan ir-rikorrent "prima facie" jidher li ghandu dan id-dritt" (art. 876 Kod. Proc. Civ.);

Illi ghalhekk tlieta huma l-elementi li ghandhom jikkonkorru biex ikun jista' jigi spedit il-mandat in kwistjoni; jigifieri, l-ewwel, ir-rikorrenza ta' wiehed mill-fatti fuq enumerati enuncjati fil-ligi, fil-kaz prezenti, li l-intimat, jigifieri l-appellant, qieghed jaghmel xi haga li tista' tkun tkun ta' hsara jew molestja lir-rikorrent, jigifieri lill-appellat; imbaghad, li jkun jidher *"prima facie"* li r-rikorrent ghandu d-dritt li jimpedixxi lill-appelant li jaghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew jidher "prima facie" li r-rikrorent ghandu d-dritt li jimpedixxi lill-appellant li jaghmel dik il-haga li biha

jista’ jarrekalu hsara jew molestja; u fl-ahharnett, li l-mandat ikun necessarju biex jigi konservat dak id-dritt tar-rikorrent.  Dawn huma t-tliet indaginijiet li l-Qorti ghandha taghmel f’din il-kawza, u ma ghandhiex tmur aktar ‘l hemm u tiddeciedi f’ din il-kawza, tar-rikorrent; altrimenti tkun qieghdha taghmel f’din il-kawza, u ma ghandhiex tmur aktar ‘l hemm u tiddeciedi fuq id-dritt tar-rikorent; altrimenti tkun qieghda tiddeciedi l-meritu tal-kawza li ghaliha jirreferixxi l-mandat; liema meritu mhux quddiem din il-Qorti;"

DANNI IRRIMEDJABBLI LI JINNECESSITA RIMEDJU ADEGWABBLI

L-interpretazzjoni ta’ dak imsemmi taht dan l-aspett [l bhala rekwizit] hi li mhux bizzejjed li rikorrent juri li ser isofri xi pregudizzji, izda wkoll li tali pregudizzju jrid ikun irriparabbli; ghax il-Qorti ma tohrogx il-mandat ta’ inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat ghar-rikorrent.  Irid ikun kif jghid it-test bl-ingliz “necessary”.

Naturalment, salv dak li jinghad taht is-sub-artikolu 5, il-pregudizzju ma jridx ikun wiehed ta’ natura finanzjarja ghax bhala tali dan hu rimedjabbli purche’ jkun hemm l-assi ghalih.

IR-RIKORRENT ***PRIMA FACIE*** JIDHER LI GHANDU DAWK IL-JEDDIJIET

Biex tordna l-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa necessarju li r-rikorrenti jissodisfa lill-Qorti li ***prima facie*** ghandu dawk il-jeddijiet u dana dejjem f’ livell ta’ “***prima facie***” minhabba li l-kwistjoni tigi ezaminata dettaljatament fil-kors ta’ kawza istitwita ***ah hoc*** fejn tigi deciza b’ mod definittiv.  Ghalhekk ikun jinkombi fuq il-Qorti li taghti pronunzjament definittiv fi proceduri li necessarjament iridu jsegwu dawk odjerni.  Infatti mandati kawtelatorji huma dipendenti u ancillari fuq l-istituzzjoni ta’ azzjoni entru terminu perentorju.”

Wiehed irid izomm f’mohhu u jaghmel distinzjoni bejn ir-rimedju ordinarju fejn wiehed jidhol u jezamina kull aspett applikabbli waqt li fil-kaz tal-Mandat ta’ Inibizzjoni r-rimedju huwa wiehed straordinarju u li jirrigwarda tliet elementi ossija;

li jkun hemm ***prima facie*** d-dritt tar-rikorrent li jimpedixxi l-appellant li jaghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara;
l-element li dak li l-intimat ikun qed jaghmel fil-fatt ikun ta' hsara jew molestja lir-rikorrent;
u finalment li tali mandat ikun necessarju biex jigi konservat id-dritt tar-rikorrent.

Izda fil-kaz in kwistjoni gie inkluz element gdid, u cioe` apparti l-kwistjoni dwar wara ezami tal-kuncennti fuq imsemmija ghandux jigi akkordat il-Mandat ta' Inibizzjoni jew le permezz ta' l-Avviz Legali 169 ta' l-2008 gew inhassra r-regolamenti ta' l-2006. Minhabba f'hekk l-Awtorita` intimata ikkontendiet li l-interess guridiku u process gudizzjarju tal-proceduri in ezami gew ezawriti.

It-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni saret "sabiex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom, jixtiequ jzommu lill-intimata milli tohrog permessi godda u/jew tkompli milli tipprocessa applikazzjonijiet godda ta' operatur skond ma hemm provvdut fir-Regolamenti ta' l-2006 dwar licenzja biex jigu operati vetturi ghall-garr ta' kadavri …"

Illi ghalhekk it-talba hija dwar processar ta' applikazzjonijiet godda dejjem skond it-talba tar-rikors skond ma hemm provvdut fir-Regolamenti ta' l-2006, liema Regolamenti gew imhassra permezz ta' l-Avviz Legali 169 ta' l-2008. Issa naturalment tohrog ir-riflessjoni li jekk rikors ghall-mandat gie mahrug biex jieqfu l-processar ta' applikazzjonijiet godda kif hemm provvdut fir-Regolamenti ta' l-2006 u jekk tali Regolamenti ghalkemm fil-kors tal-proceduri gew imhassra, dana jwassal ghall-fatt li jispicca l-iskop legali tal-mandat, minhabba l-fatt li dak li ntalab ma jistax jigi aktar attwat. Il-Gvern iddecieda li jhassar il-ligi u l-ADT tista' timxi biss ma' dak li tordnalha l-ligi. Illum il-gurnata ma jistax japplika aktar dak li qed jintalab u cioe` processar ta' permessi skond dak li hemm provvdut fir-Regolamenti ta' l-2006. Ghalkemm fil-mument meta gie intavolat ir-rikors dan seta' possibbilment ikun gustifikat, fl-istadju odjern ir-rimedju mitlub huwa wiehed ormai inezistenti. Naturalment il-Qorti riferibbilment ghall-kap ta' l-ispejjez

trid tqis il-fatt li fil-mument li gie intavolat ir-rikors dawk ir-Regolamenti kienu ghadhom inezistenti.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghal dawn il-motivi l-Qorti tirrevoka ***contrario imperio*** d-digriet taghha tal-11 ta' Lulju 2008 fejn gie akkordat provvizorjament ir-rikors 1046/08 u tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------